## AVVIŻI

1. Il-laqgħat li jmiss se jsiru kif ġej:
   Il-Ħadd 1 u 15 ta' Luljul 2007 fis-6.30p.m.
   Il-Ħadd 5 u 19 ta' Awissu 2007 fis-6.30p.m.
   Il-Ħadd 2 u 16 ta' Settembru 2007 fis-6.00p.m.
   Il-Ħadd 16 ta' Settembru 2007 fil-5.30p.m.
   Il-Ħadd 7 u 21 ta' Ottubru 2007 fil-5.00p.m.
2. Dawk li qalgħu xi grazzja huma mħeġġa li jiktbulna l-grazzja u jagħtuna kemm jistgħu dettalji dwarha. Tinsewx tiktbu isimkom, l-indirizz u n-numru tat-telefon. Jekk ma tkunux tridu li jidher isimkom fuq il-fuljett dan ma jiġix ippubblikat. Huwa mportanti li, kemm jista' jkun, ittuna ċ-ċertifikat tat-tabib fejn jiċċertifika l-fejqan tagħkom.
3. Inħeġġu lill-qarrejja biex jimlew il-formola ta' shubija fil-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn il-formoli jistgħu jittieħdu mill-Girgenti stess jew billi tiktbu lis-Segretarja, Dr. Sylvana Spiteri, 6, Sqaq Nru. 2, Triq il-Kbira, Siġġiewi jew mill-website tal-Moviment.
4. Min hu nteressat li jkun jaf aktar dwar il-ġrajjiet tal-Girgenti infakkrukom li matul is-snin ġew ippubblikati seba' kotba bil-Malti kif ukoll bl-Ingliż. Dawn il-kotba jistgħu jinkisbu jew mill-Girgenti jew billi tiktbu lis-Segretarja fl-indirizz fuq imsemmi.
5. Wieħed jista' jakkwista wkoll santi bit-talba ta' interċessjoni ta' Ġuża Mifsud (bil-Malti u bl-Ingliż) kif ukoll domni, *keychains, DVDs* u kuruni bix-xbieha tal-Madonna tal-Konsagrazzjoni. Dawn jinkisbu biss mill-Girgenti jew inkella mingħand xi membru tal-Kumitat.
6. L-indirizz tal-website tal-Moviment Madonna tal-Konsagrazzjoni huwa dan li ġej: www.ourladyofconsecration.org

**DIKJARAZZJONI:** *Il-Bord Editorjali ta' dan il-fuljett jiddikjara li, bl-ebda mod, ma jrid jgħaddi ġudizzju fuq dak li hu soprannaturali fil-fatti msemmija hawnhekk. Dan il-ġudizzju jistennieħ mill-Awtorità tal-Knisja.*

Veritas Press – Żabbar

NEWSPAPER POST

# LEĦEN IL-GIRGENTI

MAĦRUĠ MILL-KUMITAT MADONNA TAL-KONSAGRAZZJONI

No. 71 LULJU 2007 JITQASSAM BLA ĦLAS



*Father Nazzaren Tonna u Father Franco Fenech waqt il-laqgħa ta' Mejju*

## TIFKIRA TA' WIEĦED U GĦOXRIN SENA QABEL

Fil-laqgħa ta' l-ewwel Ħadd ta' Mejju 2007 fil-Girgenti, ġie mfakkar il-wieħed u għoxrin anniversarju minn meta Ġuża Mifsud tellgħet l-istatwa tal-Madonna hemmhekk. Il-laqgħa bdiet b'pellegrinaġġ min tarf it-triq il-qadima u matul dan il-pellegrinaġġ, id-devoti rreċitaw ir-rużarju tat-tbatija li fost intenzjonijiet oħra ġie offrut għall-bżonnijiet tal-proxxmu kollu, għall-konverżjoni tal-midinbin u għal paċi fid-dinja.

Matul din il-laqgħa nstemgħet il-vuċi ta' Ġuża f'silta minn messaġġ li kienet irrekordjat fuq cassette, liema messaġġ jinsab fis-seba' ktieb f'paġna mija u disgħa u disgħin. Apparti minnhekk saret ukoll il-viżita lill-Madonna, iċ-ċerimonja tal-qanpiena u ntqalu t-talbiet tal-Konsagrazzjoni, ta' San Ġużepp u ta' San Mikiel.

Il-laqgħa ġiet indirizzata minn Father Franco Fenech li siltiet mill-messaġġ tiegħu qegħdin jiġu riprodotti hawnhekk:

"Ħuti jekk hemm xi ħaġa illi lilna tgħaqqadna flimkien dina hija bla dubju ta' xejn l-omm... L-omm għandha post speċjali ħafna fil-qalb ta' kull wieħed u waħda minna... Tant hu hekk li Patri Piju, illi Ġuża milli qrajt kienet ħafna devota lejh... meta mietet ommu tant beka... illi min raħ qal, "imma kif jista' jkun li dan il-bniedem qaddis qed jibki b'dan il-mod lil ommu? Mela dan ma jemminx fil-qawmnien mill-mewt?" U Patri Piju għal dan il-kliem kien jgħidilhom biss, "Huwa dik ommi, huwa dik ommi."

Ħuti għalhekk ġabritna hawn l-Omm tagħna, dik il-mara li b'ferħ kbir aħna nistgħu insejħulha ommna, "mara hawn hu ibnek." Aħna ġejna afdati f'idejha bħala uliedha u llum ġabritna hawnhekk, għaliex? Biex mill-ġdid nerġgħu nagħmlu esperjenza ta' l-imħabba kbira illi hi u binha għandhom għalina, biex mill-ġdid hija tgħaddasna fil-qalb ta' binha Ġesù... Il-Madonna ħuti ma tiġbidniex lejha, imma l-ewwel skop li l-Madonna ssejjħilna huwa biex nersqu lejn binha Ġesù, aktar ma binha jkun maħbub aktar tkun kuntenta...

Imma ħuti biex ċelebrazzjoni bħal din li qegħdin nagħmlu llejla... ma tkunx ċelebrazzjoni li tgħaddi u ma tħalli l-ebda frott ġewwa fina, irridu nagħmlu domanda. Għaliex il-knisja tagħmel ċelebrazzjonijiet? Għaliex il-knisja u ninkludi lil Ġuża tagħtina xbihat tal-qaddisin? Forsi taħsbu li Ġuża kellha l-iskop illi iżżid xi statwa oħra ħalli noqgħodu nixgħelu x-xemgħa? Le, xejn minn dan ħuti. Għaliex il-Madonna kull meta tat messaġġi talbet li jsiru xbihat? Għadu żmien illum illi nagħmlu xbihat meta forsi tant qegħdin jakkużawna li aħna qegħdin nilgħabu bl-istatwi llum? Għadu ż-żmien? Iva ħuti. Jekk ma nwiġbux għal din id-domanda forsi l-preżenza tagħna hawnhekk illejla ma tagħmilx sens.

Jiena ngħid il-Papa Ġwanni Pawlu II kien ħareġ bl-għajta fil-bidu tal-pontifikat tiegħu u qal, "għandna bżonn nagħmlu ri-evanġelizzazzjoni." Forsi xi ħadd jgħid, "x'inhu jgħid il-Papa? Mela mhux kollox għadu jsir bħal qabel?... Il-Papa ma qalx li għandna bżonn ri-evanġelizzazzjoni għax dak li kien isir m'għadux isir, imma għaliex filwaqt li dan kollu għadu jsir tlifna d-direzzjoni, tlifna l-iskop li għalih qegħdin nagħmluh u allura għandna bżonn ... dawn iċ-ċelebrazzjonijiet biex aħna nerġgħu nimxu fit-triq tal-Mulej... U jiena ngħid



li ċ-ċelebrazzjonijiet tagħna jsiru għal tliet skopijiet ħuti.

L-ewwel nett għaliex meta aħna nfaħħru lill-qaddisin, aħna qegħdin nagħtu glorja lil Alla, għaliex "Alla hu ta' l-għaġeb," jgħidilna San Pawl, "fil-qaddisin tiegħu."... Fil-qaddisin naraw il-mera ta' Alla li kapaċi jagħmel xi ħaġa sabiħa bi bniedem bħalma hu jien u bħalma hu int, li kapaċi jġib il-preżenza tiegħu fostna li hija tant sabiħa permezz ta' persuna.

Kienet mara sempliċi Ġuża? Ħafna. Jiena ma nafhiex, iżda dan l-aħħar speċjalment qrajt fuqha, dħalt fil-website, mara sempliċi, ħin minnhom hemm ritratt tal-kitba tagħha, lanqas tikteb kważi ma taf. Imma Alla jinqeda bis-sempliċi, Alla dejjem inqeda bl-umli, Alla dejjem inqeda b'dawn il-persuni għax dawn huma persuni li jiggranfaw miegħu u jgħidulu, "ijwa Mulej ħa nkunu strumenti f'idejk, agħmel bina dak li inti trid." Allura ħuti l-ewwel skop huwa dan, li aħna nagħtu tifħir lil Alla permezz ta' dawn il-persuni għax il-qaddisin huma persuni li taw, li fetħu qalbhom bis-sħiħ għall-Mulej bla kompromessi...

It-tieni wieħed huwa li aħna ħuti rridu niftakru li aħna lkoll irċivejna sejħa, is-sejħa għall-qdusija... Ara ma jiġix xi ħadd fostna u jaħseb li s-sejħa għall-qdusija hija għal xi wħud li huma pprivileġġjati minn Alla, le ħuti. Is-sejħa għall-qdusija hija sejħa universali, hija għal kulħadd, għalija, għalikom, għal Ġuża, għal Dun Ġorġ, għall-qaddisin kollha li nafu...

It-tielet skop ħuti li aħna għalih nagħmlu dawn iċ-ċelebrazzjonijiet hija biex aħna mhux... nammiraw il-qaddisin imma fuq kollox nimitawhom. Il-qaddisin qegħdin hemm biex jagħmlulna kuraġġ u juruna li f'kull ċirkustanza tal-ħajja tagħna aħna nistgħu ngħixu l-kelma ta' Ġesù...

Ħuti u għalhekk ġabritna hawn il-Madonna llejla. Proprju jiena nista' npoġġi fuq fomm il-Madonna llejla il-kliem illi jgħid San Pawl: "f'isem Kristu agħmlu ħbieb ma' Alla," agħmlu lil Kristu iċ-ċentru tal-ħajja tagħkom. X'jibqa' minn dak kollu li tagħtina d-dinja ħuti, x'jibqa'?... Jiena qatt ma ltqajt ma persuni ferħana għax għandhom is-sodda jew kċina ta' xi ditta famuża... Imma nies ferħana li kważi lanqas għandhom il-bżonnijiet tal-ħajja ta' kuljum imma għandhom lil Alla f'qalbhom, nista' nagħti xhieda li ltqajt. Għax mhux dak li tagħtina d-dinja u jispiċċa u ma nieħdu xejn magħna hu li jimla l-qalb tal-bniedem, imma huwa Alla.

U l-Madonna dak li qed tgħidilna f'kull messaġġ, f'kull messaġġ tisħaq, "agħmlu ħbieb ma' Alla," għax mhux min jibda l-ġirja jgħodd... min jispiċċaha! Kemm għandna ħutna nsara mgħammdin... u illum qed jgħixu daqs li kieku Alla ma jeżistix... Kemm għandna persuni illi bħalna kienu nsara u taw deċiżjoni li jmorru jimxu wara l-Mulej imma fl-istess ħin... imorru għand il-fortune tellers... Kemm hawn minn ħutna li saħansitra jagħtu lilhom infushom lix-xitan,

ibiegħu ir-ruħ tagħhom lix-xitan għaliex jaħsbu li x-xitan jagħtihom dak li huma għandhom bżonn?...

Huti, ejjew nitolbuha l-Madonna tipproteġina mix-xitan li jipprova jisraqilna il-presenza ta' Kristu minn qalbna, jipprova jisraqilna dak li jagħti sens lill-ħajja tagħna għax jekk joħdilna dak ħadilna kollox... Il-Madonna tharisna ħuti...

Huti, illum il-Madonna nixtieq li nagħtuha rigal flimkien... nixtieq li nagħtuha qalbna. Il-Madonna mhix ser iżżommha għalija din il-qalb, imma ser tgħaqqadha ħaġa waħda mal-qalb ta' binha Ġesù u allura qalbna u l-qalb ta' Ġesù iħabbtu flimkien...

Jiena kultant niġi nitlob hawn, sinċerament ngħidilkom, u qatt ma ġejt ikun x'ħin ikun, u ma narax lil xi ħadd hawnhekk illi qiegħed jitlob, tieħu pjaċir, tieħu gost. Mela kemm izjed ħuti għandha tinbet fina x-xewqa li naraw lill-Madonna wiċċ imb'wiċċ, minn jaf xi ġmiel! Ejjew nitolbuha l-Madonna ħalli verament tgħaqqadna ma binha Ġesù u... tistampa x-xbieha tagħha fil-qalb tagħna ħalli aħna jum wieħed inkunu nistgħu ningħaqdu magħha u ma binha għal dejjem ta' dejjem, amen."

Imbagħad, il-Perit Philip Azzopardi, President tal-Kumitat feraħ lil Dun Nazzaren Tonna fl-okkażżjoni tal-ħamsin anniversarju minn meta laħaq saċerdot u f'isem il-Kumitat u d-devoti għaddielu tifkira ta' din l-okkażjoni hekk sabiħa.

Matul il-laqgħa, il-ġemgħa ingħaqdet mal-Prayer Group ta' Ħal-Lija li daqq u kanta diversi innijiet marjani li komplew żiedu ma' l-atmosfera ta' ferħ u devozzjoni. Il-laqgħa spiċċat bil-barka mis-saċerdoti preżenti.

***Dr. Sylvana Spiteri LL.D***

## TALBA

Sinjur Alla ta' l-Eżerċiti ixħet il-ħarsa tiegħek fuqi, twarrabx idejk minni u żommni dejjem marbut/a mal-volonta' mqaddsa tiegħek.

Mulej, nadurak, imbierkek u nfaħħrek u filwaqt li niżżik ħajr tad-doni u l-grazzji li inti tajt lil Ġuża Mifsud, nitolbok sabiex bl-interċessjoni tagħha u ta' Ommi Marija Santissima, taqlagħli din il-grazzja li tant nixtieq. Amen.

*Glorja lill-Missier...*



# GRAZZJI MAQLUGĦA

**Coronata Refalo mix-Xagħra, Għawdex** kitbet hekk: Fil-11 ta' Ottubru 1990 ibni kellu inċident bil-mutur. Kien gravi ħafna u dam ftit mhux ħażin jilgħabha mal-mewt, imma għall-grazzja t'Alla llum huwa normali.

Wara l-inċident ta' ibni kont iltqajt ma' Carmena Muscat li kienet torganizza l-minibuses sabiex ittella' n-nies minn Għawdex għal-laqgħat ta' talb li kienu jsiru minn Ġuża Mifsud fil-Girgenti. Carmena ħadet kuċifiss magħha u tatu lil Ġuża Mifsud. Ġuża qabdet il-kurċifiss, żammitu f'idejha, ħarset lejn is-sema u wara reġgħet tatu lil Carmena. Qaltilha, "Ħa, dan birkitulek il-Madonna u dak li qegħda tgħidli dwaru mhux ser idum f'koma u dalwaqt jibda' jitkellem."

Carmena ġiet ħabbtitli l-bieb xi l-għaxra ta' billejl, tatni l-kurċifiss u qaltli x'kienet qaltilha Ġuża, jiġifieri li mhux ser jibqa' f'koma u li dalwaqt kien ser jitkellem.

Lil Karmena għidtilha, "Sewwa kieku għax illum ħadt l-aħbar li kienu se jibgħatuh Għawdex għax ma hemmx aktar x'isir." Ma kienx hemm għalfejn jibqa' aktar l-isptar ta' Malta għalkemm it-tobba xorta kien għadhom ma jafux eżatt x'għandu peress li kien għad kellu nofs ġismu ma kinx qed jiffunzjona tajjeb.

Il-kurċifiss li tatni Carmena ħadtu miegħi l-isptar u missejtulu ma' rasu. L-għada x'ħin erġajt mort ħdejh qaluli li kienu ser joħdulu X-ray. Wara rriżulta li kellu ċappa demm f'rasu u ddeċidew li din trid titneħħa b'operazzjoni għax kienu qed jaħsbu li l-problema kienet ġejja minnha. Għalhekk żammewh Malta għal aktar testijiet.

Jiena mort għand Carmena u għidtilha li kienu ser joperawh f'rasu. Bdejt nibki u Carmena qaltli, "Tinkwetax għax diġa hemm raġġ ta' dawl fuq dak li qaltilna Ġuża Mifsud." X'ħin ġie operat beda ġej 'il quddiem u fid-19 ta' Marzu 1991 beda jitkellem u biż-żmien beda ġej għan-normal.

Nirringrazzjaw lil Alla u lill-Madonna tal-Konsagrazzjoni għal dan il-"miraklu" kbir li qalgħulna u nirringrazzjaw ukoll lil Ġuża Mifsud għall-aħbar li kienet tatna. Grazzi.

**Carmena Muscat mix-Xagħra, Għawdex** kitbet: Fl-ewwel Ħadd ta' Novembru 1994 kont Malta bin-nies. Filgħodu x'ħin tlaqna minn Għawdex it-temp kien bnazzi. Morna nduru xi ċimiterji u f'nofsinhar morna nieklu Marsaxlokk. Wara kellna l-ħsieb li mmorru għal laqgħa ta' talb il-Girgenti.

Xis-siegħa tela ajru ikraħ, bdiet nieżla xita qawwija, beraq, ragħad, sajjetti u sriep ta' nar. Iddeċidejna li mmorru lura lejn Għawdex iżda għaddejna mis-Siġġiewi u jiena u oħra inżilna biex inkellmu lil Ġuża peress li l-ġurnata ta' qabel jiena kont

ċempilt lil Ġuża u din qaltli li kienet tiela l-Girgenti.

Meta għidtilha li konna sejrin lura lejn Għawdex hi rrisponditni, "Le tmorrux għax ix-xita se tieqaf u ser jibnazza."

U hekk kien! Ħarġet ix-xemx u bnazza u kulhadd qagħad għal-laqgħa. In-nies li kelli miegħi qaluli, "Jekk ma tridx temmen ma tistax. Ġuża għandha xi ħaġa speċjali." Jiena kont mort kellimtha għax kont ikkonfondejt li ninqabad bin-nies Malta f'dak il-maltemp kollu, imma la Ġuża kienet qaltli biex noqgħodu jiena qgħadt għax kont nemmen li Ġuża kellha l-għajnuna tal-Madonna.

**N.N. mis-Siġġiewi** tiddikjara li kienet taf sew lil Ġuża Mifsud u kemm-il darba kienet tkellimha dwar problemi li kienet tkun għaddejja minnhom. Hija tirrakkonta:

Madwar għoxrin sena ilu, il-Professur Felice kien qalli li ser ikollu joperani biex ineħħili sidri. Jiena mort id-dar ta' Ġuża Mifsud u għidtilha titlob għalija biex forsi nevita li nagħmel l-operazzjoni. Hi wegħditni li titlob għalija. L-għada erġajt mort għandha biex ngħidu r-rużarju u x'ħin ratni sejħitli biex nidħol ftit ġewwa. Qaltli, "L-operazzjoni ser tagħmilha imma ma hu ser ikollok bżonn xejn aktar, operazzjoni biss." Meta mort l-isptar għamluli l-operazzjoni iżda qaluli li ninsab tajba u ma għandi bżonn xejn aktar. Qatt ma għamilt raġġi jew ħadt xi kura oħra.

Madwar erbatax-il sena ilu, hija kien l-isptar u meta mort għand Ġuża għidtilha biex titlob għalih ħalli jekk jista' jkun ma jmutx. Meta mort l-għada biex ngħid ir-rużarju reġgħet sejħitli ġewwa u qaltli, "Lil ħuk il-Madonna tħobbu ħafna, ħafna, ħafna," għal tliet darbiet. Qaltli, "Ħuk mhux ser imut għalissa, irid joħroġ mill-isptar u jmur idoqq l-orgni tal-knisja." Qaltli, "Mhux ħa jmut għalissa u mbagħad wara jerġa jidħol l-isptar u mbagħad iħallina." Filfatt hekk kien, ħareġ mill-isptar, dam sena u nofs idoqq l-orgni u mbagħad daħal l-isptar u miet.

Darba oħra kont kellimtha fuq ħija ieħor li kienet telqitu l-mara. Ġuża qaltli, "Miskin ħuk kemm hu kwiet! Imma l-mara tiegħu għad terġa' tmur lura għandu." Dan seħħ ukoll għax martu reġgħet ingħaqdet lura miegħu.

**F. Agius minn Birzebbugia** tirringrazzja lil Alla għall-grazzji li qalgħet mill-Madonna u bl-interċessjoni ta' diversi qaddisin oħra. Kellhom tarbija qawwija u sħiħa fil-familja kif ukoll fejqan ta' neputi ieħor minn tagħha.

**D. Schembri mir-Rabat, Għawdex kitbet hekk:** Ġie raġel il-ħanut u qalli li għandu ommu mhix tajba. Jiena tajtu santa tal-Madonna u ftit ilma. Meta reġa' ġie qalli li t-tabiba lil ommu bagħtitha l-isptar biex jaqtgħulha subajha għax kien sar iswed u meta jitniggeż ma tħoss xejn.
Qabel ħaduha l-isptar, it-tifel għamlilha ftit ilma milli kont tajtu jiena ġo flixkun. Meta waslet l-isptar ġiet invistata mit-tabib. Meta beda jniggżilha subgħajha hi bdiet tħossu, minn iswed sar normali, ma kelliex bżonn operazzjoni u bagħtha d-dar.



# IL-GIRGENTI U L-PROGRAMM XARABANK

Żgur li ħafna minnkom raw il-programm Xarabank li xxandar fuq TVM fit-18 ta' Mejju. Fil-ftit minuti ddedikati lill-Girgenti, Doris Attard tkellmet dwar il-fejqan li hi kellha fl-1984. Bħala konsegwenza tal-kummenti mgħoddija mit-Tabib Frank Portelli, is-Segretarja tal-Kumitat batet din l-istqarrija lit-*team* tal-programm:

Nagħmel referenza għall-kummenti li għadda t-tabib Frank Portelli fir-rigward tal-fejqan tas-Sinjura Doris Attard waqt il-programm Xarabank li xxandar nhar il-Ġimgħa 18 ta' Mejju 2007 u li ġie rrekordjat it-Tlieta 15 ta' Mejju.

Meta eżamina idejn is-Sinjura Attard, it-tabib Portelli allega għal darbtejn li hija "ma għandhiex polz, ir-radial pulse ma jeżistix" u allega wkoll li l-fejqan mhux komplut. Qal li m'ijiex mija fil-mija mfejqa iżda biss fuq disgħin fil-mija.

Urtata u ddispjaċuta b'dawn il-kummenti affrettati, is-Sinjura Attard qegħda tipproduċi ċertifikat mediku ieħor iffirmat mit-Tabiba Elizabeth Zammit Lupi u datat 17 ta' Mejju 2007 fejn qed jiġi konfermat li r-radial pulse fl-id ix-xellugija, jiġifieri l-id li kienet marida, huwa eżistenti u dan għall-kuntrarju ta' dak li allega it-Tabib Portelli.

Terġa wkoll issir referenza għaċ-Certifikat iffirmat mill-Professur J. E. Casaletto datat 9 ta' Novembru 1984 fejn dan iddikjara bla tlaqliq li ebda kura medika ma kellha effett fir-rigward tal-fejqan. Kien biss wara li Doris talbet lill-Madonna li kellha fejqan komplut. Dan jerġa jxejjen l-allegazzjonijiet tat-Tabib Portelli li l-fejqan mhux komplut.

Is-Sinjura Attard tiddikjara wkoll li fl-ewwel kuntatt li kellha ma' Ġuża Mifsud il-materja li kellha tnixxi minn idha waqfet kompletament u li minn idha flok ir-riħa tinten tas-soltu ħarġet riħa tfuħ.

Il-Kumitat bl-ebda mod ma jrid jgħaddi ġudizzju jekk dan il-fejqan hux miraklu jew le, izda għandu kull dmir li jara li bl-ebda mod ma jkun hemm tagħwiġ ta' fatti.